# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 12**

**Rikors numru 558/08 GCD**

**Ta' Kella Limited, illum Holiday Resorts Limited (C-05733)**

**v.**

**L-Arkitett u Inginier Civili Godwin P. Abela, id-Direttur Qrati Civili u Tribunali, fil-kwalità tieghu li jwettaq id-dmirijiet tar-Registratur tal-Qrati u l-Kummissarju tal-Art ghal kull interess li jista' jkollu**

**Preliminari**

Illi dan huwa appell principali ad istanza tal-konvenut il-perit Abela mid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Mejju 2012, li permezz tieghu qed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka dik id-decizjoni, u appell incidentali tas-socjeta` appellata. Id-decizjoni imsemmija ghall-ahjar intendiment qed tigi riprodotta:

"1. Dan il-provediment huwa dwar talba magħmula minn parti f'kawża biex jiġu intaxxati mill-ġdid id-drittijiet ta' perit maħtur mill-qorti.

"2. Il-Perit Godwin Abela kien inħatar perit ġudizzjarju fil-kawża Kummissarju tal-Art *versus* Angelo Xuereb *nomine* (ċitazzjoni numru 906/1991) sabiex jagħti l-valur annwali ta' biċtejn art għas-snin mill-1987 sal-2007. Il-perit ħalef ir-rapport u d-drittijiet tiegħu kienu ġew intaxxati mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili. Is-soċjetà rikorrenti, li kienet konvenuta f'dik il-kawża u kellha tħallas nofs id-drittijiet, ma qablitx mal-likwidazzjoni tad-drittijiet u għalhekk b'rikors talbet illi dawn jiġu intaxxati mill-ġdid billi t-taxxa maħruġa mir-reġistratur ma saritx kif tgħid it-Tariffa K mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

"3. B'dikriet tal-20 ta' Marzu 2009 il-qorti ħatret lill-Avukat Victor Borg Grech bħala espert sabiex jirrelata dwar it-talba u dan ħalef ir-rapport tiegħu fis-16 ta' Marzu 2010. Il-Perit Abela għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar ir-rapport; is-soċjetà rikorrenti, għalkemm ingħatat fakoltà tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha wkoll, baqgħet ma għamlitx hekk. Il-qorti, wara li qieset ir-relazzjoni tal-Perit Abela, it-taxxa tad-drittijiet, ir-rapport tal-Avukat Borg Grech u l-osservazzjonijiet, kemm bil-miktub u kemm bil-fomm, tal-partijiet, sejra issa tgħaddi biex tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet:

"4. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-Perit Abela osserva illi r-rikors tallum sar ħażin u ma jiswiex għax fir-rikors jingħad illi qiegħed isir taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili meta t-talba kellha ssir b'nota taħt l-art. 667(2).

"5. Huwa minnu illi r-rimedju għal min ma jaqbilx ma' taxxa ta' drittijiet ta' periti maħtura mill-qorti huwa dak li jagħti l-art. 667 – dispożizzjoni speċjali dwar taxxa ta' drittijiet ta' periti ġudizzjarji – u mhux l-art. 64 – dispożizzjoni ġenerali dwar "spejjeż ġudizzjarji". Il-qorti iżda tifhem illi għandha tħares lejn it-talba – "ir-ritassa tad-drittijiet tal-perit" – għax jekk dik it-talba setgħet validament issir taħt dispożizzjoni oħra tal-liġi ma għandhiex titħassar għax issemmiet dispożizzjoni oħra – *res magis valeat quam pereat*.

"6. Dan igħodd iżjed u iżjed fil-każ tallum fejn, jekk tassew hemm kawża ta' nullità tar-talba, din hija minħabba "vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi"[1] u l-eċċezzjoni relativa ngħatat meta "l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità",

[1] Art. 789(1)(*ċ*) Kod. Proċ. Ċiv.

u għalhekk l-eċċezzjoni ma setgħetx tingħata fl-istadju li fih ingħatat[2].

"7. Il-Perit Abela jgħid ukoll illi, ukoll jekk it-talba titqies li saret sew taħt l-art. 667, saret qabel ma beda jgħaddi ż-żmien ta' tmint ijiem mogħti f'dak l-artikolu, li jgħid illi t-talba ssir "fi żmien tmint ijiem mill-jum imsemmi fl-artikolu 672 [il-jum tal-pubblikazzjoni tar-rapport] jew, fil-każ li l-periti jkunu ġew iddispensati milli jidhru kif imsemmi f'dak l-artikolu, mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawża jkunu ġew imgħarrfin bit-taxxa b'ittra mingħand ir-reġistratur".

"8. Tassew illi kien jagħmel aktar sens li kieku t-talba saret wara li r-rapport kien pubblikat, billi huwa diffiċli tifhem kif ir-rikorrenti setgħet tattakka t-taxxa ta' relazzjoni qabel ma kienet taf x'fiha dik ir-relazzjoni. Madankollu, il-fatt illi t-talba saret qabel iż-żmien ma huwiex waħda mir-raġunijiet taħt l-art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għala t-talba titqies li ma tiswiex. F'kull każ, ir-rapport issa ġie pubblikat u kull nuqqas issewwa bis-saħħa tal-*ius superveniens*.

"9. Ngħaddu issa għall-meritu.

"10. Il-Perit Abela kien maħtur "sabiex [wara li] jekk ikun meħtieġ jagħmel aċċess fuq il-post u jqis id-dokumenti kollha fl-atti, jgħid kemm hu il-valur annwali tal-art mertu tal-kawża għas-snin mill-1987 sallum [l-2007]". Il-perit ħadem il-valur għas-sena 2007 bħala sebgħa fil-mija (7%) tal-valur kapitali tal-art f'dik is-sena, u wasal għaċ-ċifra ta' miljun, tliet mija u tmienja u sittin elf u disa' mitt euro (€1,368,900). Fuq din l-istima għas-sena 2007 d-dritt ġie intaxxat taħt il-para. 6 tat-Tariffa K fis-somma ta' erbat elef, mija u ħmistax-il euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€4,115.55). Id-dritt għall-istejjem għas-snin mill-1987 sal 2006 – għoxrin (20) sena – inħadem bħala dritt fuq għoxrin opinjoni bir-rata ta' mija u sittax-il euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€116.45) kull waħda, li jiġi b'kollox elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro (€2,329). Id-dritt tal-perit b'kollox mela ġie sitt elef, erba' mija u erbgħa u erbgħin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€6,444.55).

"11. Id-dritt għall-istima tas-sena 2007 mela nħadem *ad valorem* taħt il-para. 6 u dak għall-istejjem tas-snin l-oħra nħadem b'rata fissa għal kull opinjoni taħt il-para. 16 tat-Tariffa K.

"12. Din il-qorti taqbel mal-fehma tal-perit tassatur l-Avukat Victor Borg Grech illi l-para. 6 tat-Tariffa K ma jgħoddx għal periti maħtura mill-

[2] Art. 789(2) Kod. Proċ. Ċiv.

qorti bħala esperti, billi għad-drittijiet ta' periti hekk maħtura hemm dispożizzjoni speċjali – dik tal-para. 16 – li tgħid hekk:

> « **16.** Drittijiet pagabbli lill-periti maħtura mill-Qorti bħala esperti tal-Qorti … … … għal kull opinjoni trattata fir-rapport għandhom ikunu sa massimu ta' €116.47 għal kull punt ta' dritt li jiġi deċiż. Kull kalkolu jew komputazzjoni ta' ammont biex jingħata bħala danni jew kumpens mill-Qrati għandu jitqies bħala opinjoni, u l-massimu taxxabbli għal dik l-opinjoni għandu jkun €232.94. Il-kriterju għandu jkun ix-xogħol involut u qatt l-ammont stmat mill-perit ġudizzjarju:
>
> Iżda d-dritt pagabbli għal kull rapport m'għandu fl-ebda każ jeċċedi elfejn euro (€2000).»

"13. Għalhekk, ladarba kull stima magħmula mill-perit kienet "komputazzjoni ta' ammont biex jingħata bħala … kumpens mill-Qrati", għandha titqies bħala opinjoni, u l-ogħla dritt għal kull opinjoni bħal dik għandu jkun mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), bla ma jitqies "l-ammont stmat mill-perit ġudizzjarju". Dan huwa l-ogħla li jista' jingħata għal kull opinjoni, iżda mbagħad l-ogħla dritt li jista' jingħata għall-opinjonijiet kollha flimkien huwa ta' elfejn euro (€2,000), barra t-taxxa fuq il-valur miżjud. Dan huwa anqas mid-dritt intaxxat mir-reġistratur u għalhekk huwa l-każ illi d-dritt jiġi intaxxat mill-ġdid

"14. Il-qorti għalhekk tipprovdi dwar ir-rikors billi tordna lir-reġistratur jintaxxa mill-ġdid id-drittijiet tal-perit ġudizzjarju A.I.Ċ. Godwin Abela fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq.

"15. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jinqasmu bin-nofs bejn il-Perit Godwin Abela u r-reġistratur."

Kif jidher allura dan il-provvediment ordna li ssir ritassa tad-drittijiet tal-appellant il-perit Abela li allura intavola dan l-appell u permezz tieghu qed jitlob li tigi ikkonfermata t-taxxa li saret tad-drittijiet tieghu.

Is-socjeta` rikorrenti kienet ghamlet it-talba taghha, fi kliemha stess, *a tenur* tal-Artikolu 64 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u fuq il-bazi li hija ikkontendiet illi dan il-kont ma kienx mahdum skont it-tariffa K kif ukoll

ghaliex l-attivita` zvolta u kif diretta mill-Qorti ma tinkwadrax ruhha fit-termini tat-tariffa.

Fir-rikors tal-appell taghhom il-konvenuti talbu lil din il-Qorti joghgobha tannulla, tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet premessi u b'hekk tigi konfermata t-tassazzjoni ta' drittijiet u spejjez dovuti lill-appellant, ghall-kawza Citazzjoni Numru 906/1991 GCD, mahruga fil-15 ta' Mejju 2008 u mmarkata bhala Dokument "A" u annessa mar-Rikors Promotur tas-socjeta` appellata tat-30 ta' Mejju 2008, bl-ispejjez jigu sopportati kemm tal-ewwel istanza, kif ukoll ta' din l-istanza mill-istess socjeta` appellata Ta' Kella Limited, illum, Holiday Resorts Limited;

Illi l-Kummissarju tal-Artijiet fir-risposta tieghu iddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghar-ritassa fil-waqt li d-direttur Qrati Civili u Tribunali irrisponda li huwa tal-fehma li d-decizjoni appellata hija korretta;

Da parti taghha fir-risposta taghha s-socjeta` rikorrenti appellata (fol. 80) irrespingiet il-kontenut tar-rikors tal-appell, u qalet li:

"1. Illi kwantu ghall-aggravju illi t-talba ghar-ritassa saret tardivament, sewwa irriteniet l-ewwel Qorti; illi fi kwalunkwe kaz, anke jekk il-kronologija hija kontestata, il-procedura giet sanata bil-*jus superveniens*; illi l-esponent isemmi biss id-diffikolta`

amministrattiva li wiehed ikun jaf ezatt meta nhalef, ghaliex gieli ma jigix mahluf f'udjenza bil-miftuh, imma fir-Registru, imma jircievi qabel notifika ta' kont dovut u ghalhekk jipprova jagixxi tempestivament;

"2. Illi l-esponenti jirreferi ghar-ragunament tal-Qorti fis-sens illi:

"Ghalhekk, ladarba kull stima maghmula mill-perit kienet "komputazzjoni ta' ammont biex jinghata bhala ...kumpens mill-Qrati", ghandha titqies bhala opinjoni, u l-oghla dritt ghal kull opinjoni bhal dik ghandu jkun mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu(€232.94) bla ma jitqies "l-ammont stmat mill-perit gudizzjarju". Dan huwa l-oghla li jista' jinghata ghal kull opinjoni, izda mbaghad l-oghla dritt li jista' jinghata ghall-opinjonijiet kollha flimkien huwa ta' elfejn euro (€2,000), barra t-taxxa fuq il-valur mizjud. Dan huwa anqas mid-dritt intaxxat mir-registratur u ghalhekk huwa l-kaz illi d-dritt jigi intaxxat mill-gdid.

"3. Illil-esponenti jidhirlu illi din hija valutazzjoni gusta u ghalhekk in kwantu il-Qorti ordnat il-massimu ta' elfejn euro (€2000) minbarra t-taxxa fuq il-valur mizjud. L-esponenti qieghed ukoll jaghmel appell incidentali sabiex huwa jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghobha tikkonferma l-ordni lir-Registratur sabiex jirritassa."

L-istess appellata imbaghad intavolat hija stess appell incidentali peress li fi kliemha stess tghid li jidrilha li ghandha titlob anke hija ritassa fuq il-bazi indikata mill-ewwel Qorti u dan ghar-ragunijiet indikati fir-risposta taghha u li kienet taghmel dan (tintavola l-appell) f'kaz li l-appell principali jigi cedut. Peress li fil-fatt l-appell ma giex cedut allura ma hemmx skop li dan l-appell incidentali jigi diskuss.

Il-Qorti ghalhekk, rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2016 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell u ikkonsidrat;

**AGGRAVJI**

L-ewwel aggravju tal-appellanti hu li l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 citat mir-rikorrenti appellata fir-rikors taghha ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami u allura l-procedura mibdija minnha huma nulli. Dan l-Artikolu jghid infatti hekk:

> "**64.** (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."

L-appellanti jsostni li l-Artikolu applikabbli huwa invece l-Artikolu 667:

> "**667.** (1) Mit-taxxa magħmula bħal ma jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, kull wieħed mill-periti u kull waħda mill-partijiet fil-kawża, jistgħu jappellaw lill-qorti li minnha l-periti ġew maħtura, ikun kemm ikun id-dritt li ġie intaxxat jew mitlub, fi żmien tmint ijiem mill-jum imsemmi fl-artikolu 672 jew, fil-każ li l-periti jkunu ġew iddispensati milli jidhru kif imsemmi f'dak l-artikolu, mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawża jkunu ġew imgħarrfin bit-taxxa b'ittra mingħand ir-reġistratur."

L-ewwel Qorti fil-waqt li qablet li l-Artikolu applikabbli ghall-kaz huwa dan tal-ahhar, adottat il-massima '*res magis valeat quam pereat'*.

Huwa minnu li s-socjeta` rikorrenti indikat l-Artikolu 64 u talbet lill-Qorti biex tirritassa hi jew tordna r-ritassa. Dan pero` ***minnu nnifsu*** ma jfissirx li l-Qorti ghandha tiddikjara nulli l-proceduri ghaliex "*f'kaz li mill-fatti tal-kawza*

*tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni l-Qorti hija fakoltizzata li fejn jidhrilha tipprovdi fuq il-bazi tal-ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorrix f'nullita`* (***Vol XXIX-111-698u Vol XLVIII-11-777***) *– Dan in omagg ghall-hsieb ispiratur traccjat f'hafna decizjonijiet li jevita kemm jista' jkun il-moltiplikazjoni u d-dilazzjoni tal-liti u jiskoraggixxi l-formalizmu rigidu li "si attaccava con troppa severita` e poco riguardo all'amministrazione della giustizia*." (***Vol XXVI-i-424***). **Design Elements Limited v. Michael Camilleri pro et noe**, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2004. Dan japplika certament fejn il-fatti rilevanti ghat-talba attrici irrizultaw kjarament **G. Calleja v. Dr Jose' Herrera nomine**, 5 ta' Ottubru 1992, Prim'Awla.

Fil-kaz in ezami, jidher car li s-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti biex issir ritassa u fil-waqt li l-Artikolu 64 jitkellem dwar il-possibilta` li tigi *attakkata t-taxxa,* l-Artikolu 667 jitkellem dwar *appell* fuq tassazzjoni. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li t-talba kellha ssir skont l-Artikolu 667 ghaliex huwa dan l-Artikolu flimkien ma' dawk ta' qablu li jirreferu ghat-tassazzjonijiet tal-periti gudizzjarji. Invece l-Artikolu 64 jirreferi ghat-tassazzjoni finali u allura t-termini ghal dik it-talba gew specifikati mil-ligi biex ikun car minn meta kellu jkun ghaddej dak it-terminu; l-istess bhal ma sar fl-Artikolu 667 bid-differenza li fil-waqt li t-terminu tal-Artikolu 64 jibda ghaddej minn meta l-parti koncernata tigi notifikata bit-taxxa, huma naturali

li dan it-terminu ma kellux ghalfejn jistenna dan ghaliex una volta jigi pubblikat ir-rapport tal-perit huwa prezunt li l-partijiet jafu bih. Ghalhekk jekk ir-rapport ikun gie mahluf waqt is-seduta kif normalment isir, huwa naturali li wiehed jipprezumi dan. Infatti l-Artikolu 672 imsemmi fl-Artikolu 667 jghid:

> "**672**. (1) Fil-ġurnata mogħtija għall-pubblikazzjoni tar-rapport, il-perit għandu jidher il-qorti biex jaqra fil-pubbliku u jwettqu bil-ġurament, jekk ma jkunx mill-qorti ġie dispensat milli jidher.
>
> "(2) Il-ġurament jiġi mogħti lill-periti mir-reġistratur."

Fil-prattika, huwa minnu wkoll li ftit hemm differenza bejn li wiehed jitlob illi ssir ritassa jew li jsir appell minn taxxa fuq id-drittijiet ghaliex dan dejjem ifisser it-thassir tat-tassazzjoni in kwistjoni. Madankollu fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz hemm differenza sostanzjali bejn dak li jipprovdu z-zewg Artikoli msemmija (64 u 667). Dan johrog anke **mit-termini** li jimponu l-artikoli msemmija u allura l-ligi qed titkellem fuq zewg sitwazzjonijiet differenti. Infatti fil-waqt li l-Artikolu 64 jipprospetta kawza gia` mitmuma, l-Artikolu 667 jindika x'jista' jsir waqt li l-kawza tkun ghadha miexja jekk il-partijiet jew l-istess perit ma jaqbilx mat-tassazzjoni li tkun saret. F'dan il-kaz infatti, l-appellant gie notifikat b'rikors li fih intalbet ritassa, minghajr naturalment ma kien hemm indikati r-ragunijiet ghal din it-talba u dan ghaliex l-istess socjeta` appellata ma kellhiex f'dak il-mument a dispozizzjoni taghha r-rapport in kwistjoni. Ghalhekk hija ma setghetx

tindika r-ragunijiet taghha u wisq inqas ma seta' l-appellant jirrispondi adekwatament ghal dak ir-rikors. Huwa kien f'sitwazzjoni li lanqas seta' jiddefendi lilu nnifsu sewwa f'dawk il-proceduri ghaliex kieku ghamel dan kien ikun qed jindika lill-partijiet il-kontenut tar-rapport meta l-ligi taghmilha cara li perit gudizzjarju ghandu l-fakolta` li ma jippubblikax ir-rapport qabel jithallas.

Konsiderazzjoni ohra importanti hija li fir-rigward tal-Artikolu 667 il-ligi tghid ukoll:

> *"(4) Jekk ikun jidher prima facie li l-appell huwa floku, il-qorti, wara li tisma' l-partijiet, tordna lir-reġistratur sabiex jintaxxa mill-ġdid id-dritt tal-periti."*

Dan ma japplikax fir-rigward tal-Artikolu 64 u f'dan il-kaz, l-ewwel Qorti mhux talli ma iddecidietx il-kaz fuq il-binarju ta' *prima facie* izda anke hasset il-htiega li tinnomina perit legali biex jassistiha fid-decizjoni taghha. Kwindi anke l-Qorti mexxiet il-kaz a bazi tal-Artikolu 64 in kwantu ghall-procedura. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-appellant illi anke l-istess fatt li l-ligi taghmel distinzjoni cara u sostanzjali bejn it-termini li applikabbli taht iz-zewg artikoli huwa indikazzjoni tad-distinzjoni netta bejn iz-zewg sitwazzjonijiet u r-rimedji li tindika l-istess ligi. Il-Qorti zzid tghid li kieku thalli li parti tattakka tassazzjoni ta' perit tekniku skont l-Artikolu 64 tkun qed tistultifika l-provvediment li jipprotegi lill-istess perit (biex taccerta li

jithallas) billi ma tobligahx jizvela l-kontenut tar-rapport qabel ma jithallas. (Artikolu 666 (2) tal-Kap. 12).

Hu bizzejjed maghruf illi:

> "trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens." ( **(Vol XVIII p I p 879; Vol XLIX p I p 421**).

Din mhix kwestjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabilita` o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti temmen, bhal qrati ohra qabilha, illi "*waqt li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas pero` jidhol jew jigi inkoraggit permessivizmu ingustifikat*" Vol XXXII p I p 712; **Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et**, Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973.

Din il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk li dawn il-proceduri saru skont provvediment ghal kollox differenti minn dak li kellu jkun adoperat u se tilqa' dan l-aggravju. Mhux il-kaz, allura, li tigi applikata l-massima fuq imsemmija, '*res magis valeat quam pereat'*.

Akkolt dan l-aggravju ma hemmx lok li din il-Qorti tidhol fil-mertu tar-rikors promotur. Oltre dan ukoll, kif gia` issemma', in vista ta' dan u tal-fatt li l-

appell ma giex irtirat lanqas ma hu l-kaz li din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-appell incidentali li huwa allura michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tilqghu u allura tirrevoka s-sentenza tal-14 ta' Mejju 2012 u allura tillibera lill-intimati kollha mill-osservanza tal-gudizzju; tichad l-appell incidentali. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri kollha a kariku tas-socjeta` rikorrenti appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df